7 ta' Marzu, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Neg. Joseph Psaila Manchè et. ne. *versus* Charles Brincat et.

## Serq — Delitt — Danni — Solidarjetà.

*F'każ ta' delitt kommess minn diversi persuni, kull wieħed minnhom huwa responsabbli għad-dannu li jiġi determinat li huwa kkaġuna bil-għemil tiegħu; u ma hemmx solidarjetà bejniethom ħlief meta jiġi pruvat li huma agixxew flimkien u bi ftehim bejniethom minn qabel.*

*B'dana kollu, jekk ma jiġix pruvat, jew ma jistax jiġi pruvat, f'liema proporzjoni kull wieħed minnhom ikun ħa parti fid-delitt, jew il-kwantitativ ta' dannu li kull wieħed minnhom ikkaġuna, allura huma kollha flimkien tenuti solidarjament għad-danni kollha.*

*Hekk, f'każ ta' serq bħal fil-każ preżenti, meta s-serq sar minn diversi persuni, anki mhux f'okkażjoni waħda, u ma jistax jiġi determinat kemm seraq kull wieħed minnhom, huma responsabbli solidalment għad-danni kollha kaġunati b'dak is-serq.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta' **Marzu 1947**, fejn hemm riepilogati t-talbiet u d-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine, kif ukoll l-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti, u li biha ġew respinti l-eċċezzjonijiet kollha preliminari, li l-atturi ma ddimostrawx illi l-Pools minnhom rappreżentati ġew legalment kostitwiti, u illi għandhom eżistenza ġuridika anki quddiem it-terzi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; u ġie ordnat illi l-kawża tiġi trattata fil-meritu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat,

Illi l-atturi, fil-kwalità fuq imsemmija, qegħdin jitolbu l-kundanna solidali tal-konvenuti għall-ħlas ta' £1500, ridott għal £1023 bin-nota fuq imsemmija, valura ta' kwantità ta' kafè, li bl-istess nota ġie determinat f'410 xkejjer, li huma jallegaw li ġew misruqa lilhom mill-konvenuti;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li bejn l-20 u l-25 ta Lulju 1945, il-"Combined Essential Commodity Pools", rappreżentati mill-atturi, kellhom storjat f'maħżen il-Mosta, 22 Constitution Street, kwantità ta' kafè,.................. u allura ġie konstatat li kien sar serq tal-kafè li kien jinstab hemm ...............; Per mezz tal-Pulizija l-atturi rkupraw 55 xkora kafè................ u għalhekk l-atturi nomine ġew biss skoperti f'410 xkora kafè..............;

Ikkunsidrat;

Illi l-allegazzjoni ta' l-atturi nomine, li dak il-kafè gie misruq — u misruq anzi mill-konvenuti — tinsab korroborata mill-provi.............. Għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma illi *fis-serq tal-kafè fil-kwistjoni*, jiġifieri 410 xkora, tal-piż nett ta' 38172 ratal, b'valur ta' £1023, kienu implikati, għalkemm mhux *fl-istess grad*, il-konvenuti kollha;

Illi l-atturi nomine talbu l-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tas-somma ta' £1023 fuq imsemmija b'mod solidali. Il-konvenut Giovanni Camilleri però issottometta — u l-konvenuti l-oħra, per mezz tad-difensuri tagħhom, oralment assoċjaw ruħhom ma' dik is-sottomissjoni — li dik il-kundanna ma għandhiex tkun solidali, imma limitata biss għal dak l-ammont li għalih kull wieħed minnhom huwa responsabili għas-serq rispettiv li għamel. Il-konvenuti jibbażaw dina s-sottomissjoni fuq *il-fatt*, depost tant mill-konvenut Charles Brincat kemm mill-konvenut Giovanni Camilleri, li l-konvenuti ma ħadux parti kull darba li nsteraq il-kafè. Ġie pruvat li l-kwantità tal-kafè misruqa ma gietx misruqa f'darba, imma f'diversi drabi...........;

Illi l-atturi *nomine* jirrikavaw is-solidarjetà minnhom reklamata mill-fatt illi l-kafè naqas permezz ta' delitt, u għalhekk *kull min ħa parti* fis-serq għandu jirrispondi għall-valur ta' l-oggett misruq b'mod solidali ma' sħabu. Dwar dina s-solidarjetà l-Giorgi ("Obbligazioni") hekk jesprimi ruħu:—

"L'azione di danni si sperimenta contro tutti i co-autori o complici del fatto illecito; i quali, se sono responsabili direttamente, sono tenuti tutti in solido (Vol. V, para. 191). Perchè vi sia solidarietà tra i vari co-obbligati, bisogna che il *fatto illecito* sia unico, e abbia per causa o una deliberazione presa di comune concerto, o un concorso materiale dei vari

... ... parti ... Se i fatti sono veramente separati, per modo da costituire altrettante figure distinte, ciascun co-autore risponde del proprio" (para. 194). F'dan is-sens gie wkoll stabbilit mill-Qrati Taghna, jigifieri:— "In caso di delitto l'unicità dell'occasione in cui il danno è stato operato non è sufficiente per far nascere tra i diversi co-obbligati il vincolo solidale; si richiede invece la prova del concorso d'azione o del preconcetto. In ispecie, non vi è solidarietà quando il danno sia l'effetto di più delitti distinti nella loro rispettiva gravità nelle persone dei colpevoli..............." (Appell 10 ta' Mejju 1920, "Pisani vs. Vella", Vol. XXIV — I — 528). Taht dan l-aspett, ghalhekk, ghandu jigi ritenut illi f'każ ta' delitt kommess minn diversi nies, bhal ma hu fil-każ in eżami, kull wiehed minnhom huwa responsabili ghad-danni li jigi determinat li huwa jkun ikkaguna; u ma hemmx f'każ bhal dan solidarjetà ghad-danni bejn kull min ikun ha parti f'dak id-delitt b'mod divers wiehed mill-iehor;

Ikkunsidrat;

Illi però, f'dan il-każ ma giex, u ma jistax jigi, determinat f'liema proporzjon il-konvenuti hadu parti fir-reat fuq imsemmi, jigifieri kemm effettivament kull wiehed minnhom seraq wahdu, jew ftihem biex jisraq flimkien ma' hadd iehor, mill-kwantità ta' kafè fuq imsemmija. Huwa veru li mhux il-konvenuti kollha hadu sehem fis-serq tal-kafè kollu; imma huwa ugwalment veru li ma giex, u ma jistax jigi, determinat il-kwantitativ ta' kafè li kull wiehed minnhom seraq. Infatti, fil-waqt li gie pruvat b'mod konvinċenti li l-kwantità ta' kafè misruqa kienet ta' 38172 ratal, dik il-kwantità ma rriżultatx li giet misruqa fl-okkażjonijiet biss li semmew il-konvenuti Giovanni Camilleri u Charles Brincat; u hekk jigi li bilfors kien hemm okkażjonijiet ohra li fihom il-konvenuti, jew min minnhom, kienu marru jisirqu..............;

Illi minn dak li ntqal jidher ċar biżżejjed li ma jistax jinghad, ghax ma giex determinat, il-kwantità ta' kafè li hadu kull wiehed mill-konvenuti, jew li kienu implikati fih, mit-total ta' 38172 ratal nieqes;

Ikkunsidrat;

Illi minn dak li jghallem il-Giorgi, kif gà ntqal fuq, jidher li f'każ ta' delitt kommess minn diversi persuni ma jkunx

hemm solidarjetà bejniethom ghad-danni fil-każ biss li tkun tista' u tigi determinata l-parti li kull wiehed minnhom ikun ha f'dak id-delitt, u d-danni li huwa jkun effettivament ikkaguna; altrimenti huma lkoll ghandhom jigu kunsidrati responsabili solidalment ghad-danni kollha kagunati. Il-Baudry Lacantinerie, wara li jeżamina d-diversi teoriji dwar ir-responsabilità tal-ko-awturi f'delitt ċivili — u fil-każ in eżami ma hemmx dubju li jittratta minn danni derivanti minn delitt — propunjati minn *Laurent*, *Larombiere* u *Demolombe*, jispiċċa biex jghid illi "la giurisprudenza ha deciso costantemente che i co-autori di un delitto o di un quasi delitto sono tenuti solidalmente a riparare il danno da essi causato" (Obbligazioni, Vol. II, para. 1303, pag. 423), u jiċċita diversi sentenzi f'dan ir-rigward. Huwa jkompli jghid:— "Altre sentenze si fondano semplicemente su questa considerazione, che è impossibile determinare la parte di ciascuno dei co-autori nella effettuazione del delitto civile o del quasi delitto, nè, per conseguenza, nella responsabilità che ne risulta" — dak li huwa eżempju tipiku tal-każ f'dina l-kawża. "Notiamo che, in generale, la Corte di Cassazione ritiene come solo motivo della solidarietà l'impossibilità di riconoscere in quale misura ciascuno dei co-autori abbia partecipato alla effettuazione del fatto dannoso" (loc. ċit., para. 1304, pag. 425). U f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tal-Qrati Taghna (Appell 28 ta' Novembru 1921, "Giorgio vs. Grech", Vol. XXIV — I — 900; 26 ta' Novembru 1923 "Xuereb vs. Micallef", Vol. XXV — I — 689). Del resto, dana huwa konformi mad-dispożizzjoni ta' l-art. 1093 tal-Kap. 23;

Ghal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ridotta bin-nota taghhom tal-15 ta' Novembru 1949 (fol. 171); bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.